8:1-11). L-isbaħ parabboli huma dawk li jitkellmu fuq il-maħfra: in-nagħġa mitlufa, id-drakma mitlufa u l-iben il-ħali (Lq kap 15).

Tabilħaqq, Alla jimxi mal-bniedem *"skond il-kobor tal-ħniena tiegħu"* (Salm 51:30). *"Alla hu mħabba"* (1 Ġw 4:8.16), u għaliex iħobb lill-bniedem, jagħtih kull ma jinħtieġ biex iressqu lejh. Fi kliem ieħor, jagħtih il-grazzja tiegħu. Il-kelma Griega għall-grazzja hi χαρις (tinqara *karis*), li fil-lingwa oriġinali kienet użata biex tfisser il-għoġba jew id-dispożizzjoni favorevoli ta' l-allat lejn il-bnedmin jew tas-sultan lejn is-sudditi. Kien San Pawl li daħħal din il-kelma fit-Testment il-Ġdid. Jużaha sikwit fl-ittri tiegħu, kif jagħmlu kittieba oħra influwenzati minnu, bħal San Luqa u l-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud. B'danakollu, il-ħsieb imfisser b'din il-kelma nsibuh mfisser bi kliem ieħor fit-Testment il-Ġdid kollu.

Hekk, il-Beatitudnijiet tad-Diskors tal-Muntanja juru li l-ħniena u l-grazzja ta' Alla huma attivi fid-dinja, u dan hu kkonfermat bil-mirakli ta' fejqan fir-ruħ u l-ġisem. Il-ħniena ta' Alla tidher b'mod speċjali fil-maħfra tad-dnubiet li Ġesù mhux biss iwiegħed, imma fil-fatt jagħti. Fid-daħla ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann, il-kelma "grazzja" tissemma erba' dnubiet: Kristu ntwera fil-glorja li għandu mill-Missier, mimli bil-grazzja u l-verità; mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja; f'kuntrast ma' Mosè li permezz tiegħu Alla tana l-Liġi, il-grazzja issa seħħet permezz ta' Kristu (Ġw 1:14-17).

Iżda hu San Pawl, li fela d-dnub l-aktar fil-fond, hu l-ikbar teologu tal-grazzja. Għaliex fl-ittri ta' San Pawl il-grazzja tidher fl-aqwa tagħha, meta tgħin lill-bniedem jintrefa' mid-dnub: *"Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja ta' Alla"* (Rum 5:20). Id-dnub iwassal il-midneb għall-mewt, iżda jġibu wiċċ imbwiċċ mal-grazzja ta' Alla. Ir-rieda ta' Alla għall-bniedem hi l-ġustifikazzjoni (il-maħfra), mhux id-dnub; il-ħajja mhux il-mewt.

San Pawl iqis li l-grazzja ta' Alla tiġi permezz ta' Ġesù: *"Alla ddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu ... għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu"* (Efes 1:5-6). Tabilħaqq, fi Kristu *"dehret il-grazzja ta' Alla għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha"* (1 Tit 2:11).

Societas Doctrinæ Christianæ – M.U.S.E.U.M.
Kummissjoni Appostolat għall-Adulti

Website: www.sdcmuseum.org
Email: kummissjoni.adulti@sdcmuseum.org

# Il-Grazzja u l-Ħniena ta' Alla



Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270

**“Fejn kotor id-dnub, aktar u aktar kotrot il-grazzja” (Rum 5:20)**

Il-Papa Piju XII darba qal: *“L-ikbar dnub ta’żmienna hu li llum intilef is-sens tad-dnub;”* kliem li tennew bosta darbi l-Papiet li ġew wara.

Dnubiet dejjem kien hawn fid-dinja, imma qabel id-dnub kien jissejjaħ dnub. Illum, għal ħafna, kollox sar qisu m’hu xejn. Waqt li qabel kulħadd kien jaħbi dnubu u min jidneb kien jidneb fil-moħbi, illum ħafna jidinbu fil-beraħ. Id-dnub narawh ixxeneġjat fuq it-televixin; issib żgħażagħ jiftaħru ma sħabhom bil-‘bravuri’ tagħhom; oħrajn, u mhux żgħażagħ biss, jitilgħu jitqarbnu bla ma jqerru u bla jħabblu rashom jekk humiex fil-grazzja ta’ Alla.

B’danakollu d-dnub il-mejjet hu l-ikbar diżgrazzja li tista’ tiġri lill-bniedem, għax id-dnub hu firda: jifridna minn Alla: *“Il-ħażen tagħkom firidkom minn Alla tagħkom”* (Iż 59:2); jifridna bejnietna: ħafna mill-gwaj li hawn fid-dinja (gwerer, qtil, serq, terroriżmu, u l-bqija) hu frott tad-dnub; u jkisser lil min jagħmlu: il-midneb jimtela b’rimorsi li sikwit iwasslu għall-*breakdowns* u nevrestenija. Fuq kollox, min imut fid-dnub il-mejjet, wirtu jkun telfien għal dejjem.

B’danakollu, ikrah kemm hu ikrah id-dnub u kbira kemm hi kbira l-malizzja tiegħu, il-ħniena ta’ Alla hi akbar minnu. Għaliex hi kwalità essenzjali f’Alla li jħenn u li jaħfer: Hu *“ma jridx il-mewt tal-midneb; iżda li dan jikkonverti u jgħix”* (Eżek 18:23). Wara li l-Lhud dinbu fid-deżert, Mose’ talab għalihom u Alla ħafrilhom. U biex juri din il-maħfra, hu għadda fi sħaba minn quddiem Mosè, jgħajjat: *“Il-Mulej! il-Mulej! Alla li jagħder u jħenn, tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u s-sewwa. Iħares it-tjieba għal elf nisel, jaħfer il-ħtijiet, il-ħażen u d-dnub”* (Eż 34:6).

L-istorja tal-poplu Lhudi fit-Testment il-Qadim tista’ tinġabar f’erba’ sentenzi qosra: a) Il-poplu jagħmel id-dnub; b) Alla jikkastigah; c) il-poplu jindem; u d) Alla jaħfirlu (ara Imħ 2:7-9). Minkejja dan, il-poplu kien jerġa’ għalli kien, u Alla kien jerġa’ jitilqu f’idejn l-għedewwa. Madankollu l-profeti ħabbru żminijiet ġodda meta l-maħfra ta’ Alla kellha tkun aktar dejjiema: *“Jiġu jiem meta nagħmel patt ġdid ma’ dar Iżrael ... Kulħadd ikun jafni, mill-kbir saż-żgħir, ... għaliex jien naħfrilhom il-ħażen tagħhom u qatt iżjed ma niftakar fi dnubhom”* (Ġer 31:31-34; ara wkoll Eżek 36:25-26).

Iż-żminijiet ġodda seħħu bil-miġja ta’ Kristu, *“il-Ħaruf ta’ Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja”* (Ġw 1:29). Lil Nikodemu qallu: *“Iva, Alla hekk ħabb id-dinja, li ta lil Ibnu waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem”* (Ġw 3:16). Kien għalhekk li ġie fid-dinja, biex isalva l-midinbin: *“Ma ġejtx insejjaħ lit-tajbin, iżda ’l-midinbin għall-indiema”* (Lq 5:32). L-isbaħ episodji tal-Vanġelu huma dawk fejn Ġesuì jittratta mal-midinbin: jistenna lis-Samaritana ħdejn il-bir (Ġw 4:6-26); jistieden ruħu għand Żakkew (Lq 19:10); jaħfer lill-mara midinba (Lq 7:36) u lill-adultera (Ġw



# Il-Grazzja u l-Ħniena ta’ Alla